- *DIVIZJONI –*
- *KOMODAMENT DIVIZZIBBLI -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 31 ta' Jannar 2002**

**Kawza Numru: 25**
**Citazzjoni Numru: 1835/96/RCP**

**Victor Camenzuli u martu Carmen Camenzuli**

**vs**

**Anthony Camilleri u martu Carmen Camilleri**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-atturi konjugi Victor u Carmen Camenzuli u l-konvenuti konjugi Anthony u Carmen Camilleri huma proprjetarji indaqs bejniethom ta' l-ghalqa denominata "It-Targa l-Hamra" fil-kuntrada "Tal-Fawwara" fil-limiti tas-Siggiewi tal-kejl ta' cirka hdax-il tomna u erba' sighan (T.11.4.0) tmiss mill-lvant ma' triq pubblika, minn nofsinhar in parti ma' triq pubblika u in parti ma' spazju pubbliku u mill-majjistral ma' beni tal-Gvern fiha tliet kmamar bla numri li jaghtu ghat-triq min-naha tax-xlokk libera u franka bid-drittijiet u pertinenzi taghha kollha;

Illi l-atturi u l-konvenuti ilhom jippossjedu din l-ghalqa u l-kmamar fuq imsemmija mill-hmistax (15) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u sebgha u sebghin (1977) meta xtraw l-imsemmija ghalqa minghand Josephine, Helen, Maude u Margaret sive Magdalene, xebbiet ahwa Briffa wlied il-mejtin Walter u Guilia nee Pullicino, l-imsemmija Josephine kienet dehret f'isimha proprju kif ukoll bhala Prokuratrici Generali ta' huha l-Kurunell Gerald Briffa, liema xiri sar in atti n-Nutar Dottor Paul Pullicino fid-data fuq imsemmija;

Illi l-atturi ma jridux jibqghu aktar fi stat ta' komunjoni;

L-istess atturi ghalhekk talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:

1. Taqsam din l-ghalqa u l-benefikati ta' go fiha f'zewg kwoti u porzjonijiet ugwali;

2. Tassenja porzjoni lil kull wiehed miz-zewg kontendenti l-atturi konjugi Victor u martu Carmen Camenzuli u lill-konvenuti konjugi Anthony u martu Carmen Camilleri;

3. Tinnomina perit legali u okkorrendo perit arkitett biex jaghmlu pjan ta' qasma u Nutar biex jircievi l-att relattiv u kuraturi biex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-att relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu ingunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 2 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa 6 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet a fol. 11 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi huma ma jopponux it-talbiet attrici izda qabel isir dan, trid issir il-likwidazzjoni ta' kumpens dovut lill-atturi ghall-benefikati li saru mill-eccipjenti fil-fond komuni liema benefikati saru a spejjes esklussivi tal-eccipjenti – liema likwidazzjoni hija s-suggett tal-kontro-talba maghmula aktar il-quddiem.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol. 11 u 12 tal-process.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti Camilleri a fol. 12 tal-process fejn ppremettew :-

Illi waqt li l-art denominata "it-Targa l-Hamra" fil-kontrada "tal-Fawwara" fil-limiti tas-Siggiewi tal-kejl ta' cirka hdax-il tomna u erba' sighan (11T 4S) - akkwistata mill-partijiet flimkien b'kuntratt tal-15 ta' Gunju 1977 in atti Nutar Paul Pullicino - kienet in komun, il-kompropjetarji Anthony u Carmen konjugi Camilleri u l-atturi rikonvenuti Victor u Carmen konjugi Camenzuli kienu jgawdu separatament bicca distinta u diviza kull parti mill-istess art komuni;

Illi l-istanti ghamlu benefikati varji a spejjes esklussivi taghhom fuq il-parti tal-art posseduta minnhom u dan sar bil-konoxxenza u kunsens tal-kompropjetarji l-ohra;

Illi dawn il-benefikati jawmentaw il-valur tal-art komuni;

Illi l-atturi rikonvenuti qed jitolbu t-terminazzjoni tal-kommunjoni u l-qsim tal-art f'zewg partijiet ugwali b'dan illi l-atturi rikonvenuti qed u ser jarrikkixxu ruhhom minn dawn il-benefikati maghmula mill-istanti konjugi Camilleri a spejjes esklussivi taghhom;

Ghalhekk l-istess atturi rikonvenuti talbu li din il-Qorti:

1. M'ghandiex tiddeciedi u tiddikjara illi huma qed u ser jarrikkixxu ruhhom mill-benefikati maghmula mill-konvenuti konjugi Camilleri a spejjes esklussivi taghhom fuq l-art komuni fuq imsemmija;

2. M'ghandiex tillikwida l-valur ta' dawn il-benefikati jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi; u

3. Tikkundanna lill-atturi jhallsu lill-konvenuti nofs il-valur benefikati hekk illikwidati.

Bl-ispejjez kontra l-atturi rikonvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti a fol. 13 u 14 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-atturi a fol. 17 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi t-talbiet tal-konvenuti dedoti fil-kontro-talba huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

2. Ili minghajr pregudizzju ghas-suespost ma sar l-ebda xoghol mill-konvenuti li jrendi xi benefikati lill-porzjoni arti in kwistjoni.

3. Illi wkoll minghajr pregudizzju ix-xoghlijiet li saru, saru ghas-spejjes u b'hidmet l-atturi wkoll u ghalhekk m'hemmx xi kumpens domt b'mod uniku lill-konvenuti.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi u l-lista tax-xhieda a fol. 17 u 18 tal-process.

Rat il-verbali tal-11 ta' Marzu 1997, tas-17 ta' Novembru 1997 fejn irratifikat in-nomina tal-AIC Albert Fenech bhala perit tekniku u taghtu l-inkarigu li jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici kif ukoll dwar id-domandi rikonvenzjonali u dan wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet ta' kull parti u jaghmel l-osservazzjonijiet opportuni f'dan ir-rigward. Il-Perit ghandu wkoll jiddikjara jekk l-art in kwistjoni hix komodament divizibbli u ghandu jaghmel pjanta ta' l-istess art in divizzjoni u l-kawza giet differita ghas-27 ta' Marzu 1998 ghar-relazzjoni.

Rat il-verbali tas-27 ta' Marzu 1998, tat-22 ta' Gunju 1998, tas-16 ta' Dicembru 1998 fejn Dr Peter Fenech assuma l-patrocinju tal-atturi minflok Dr Melvyn Mifsud.

Rat ir-rikors tal-atturi a fol. 32 tal-process u d-digriet tal-Qorti tal-20 ta' April 1999 fejn wara li rat li hemm il-htiega ghall-produzzjoni taz-zewg xhieda msemmija fl-istess rikors laqghet l-istess talba.

Rat il-verbali tat-12 ta' Mejju 1999, tal-10 ta' Jannar 2000 u tas-17 ta' Mejju 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi tat-28 ta' Awissu 2000 a fol. 59 tal-process.

Rat il-verbali tal-4 ta' Ottubru 2000, tal-5 ta' Dicembru 2000, tat-13 ta' Frar 2001, tal-4 ta' April 2001 u tal-25 ta' April 2001.

Rat ir-rikors tal-attur tal-4 ta' Mejju 2001 a fol. 66 tal-process.

Rat il-verbal tal-10 ta' Mejju 2001 fejn il-Perit Tekniku nforma lill-Qorti li l-persuna li ghamlet *is-survey* kien Vincent Camilleri li thallas Lm230, spejga wkoll li kull m'ghamel is-*surveyor* sar taht id-direttivi tieghu w assista lill-Perit fl-inkarigu tieghu. Id-difensuri qablu li ghandu jigi nominat bhala Perit Tekniku biex jassisti lill-Perit Fenech lill-Vincent Camilleri. Il-Qorti in visa tal-fatt li l-istess Vincent Camilleri diga` assista lill-Perit Tekniku fl-inkarigu moghti lil dan tal-ahhar innominat lill-istess V Camilleri bhala *surveyor* sabiex jigi rettifikat u mahlufa minnu l-pjanti annessi fir-rapport tal-Perit Albert Fenech. B'dan li d-drittijiet ta' l-istess *surveyor* huma diga` ntaxxati. Id-difensuri jaderixxu ruhhom mal-istess digriet. Il-kawza ghalhekk giet differita biex jinhalef l-istess rapport tekniku ghall-14 ta' Gunju 2001.

Rat il-verbal tal-14 ta' Gunju 2001 fejn il-Perit Albert Fenech u s-*surveyor* Vincent Camilleri halfu r-rapport. Il-

kawza giet differita ghall-ezami tar-rapport ghall-25 ta' Ottubru 2001.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku u tas-*Surveyor* a fol. 73 sa 143 tal-process.

Rat in-nota tal-attur tat-28 ta' Gunju 2001 fejn iddikjaraw li jixtiequ li l-Qorti tinnomina periti addizzjonali sabiex jirrelataw fuq il-mertu in kwistjoni u n-nota tal-istess data fejn iddikjaraw ukoll li jixtiequ jeskutu l-esperti tal-Qorti dwar l-istess rapport.

Rat il-verbali tal-25 ta' Ottubru 2001 u tat-13 ta' Novembru 2001 fejn xehed il-Perit Tekniku Albert Fenech u d-difensuri trattaw il-kaz. Dr Peter Fenech obbliga ruhu li fi zmien 30 jum jesebixxi pjanta bid-divizzjoni fuq suggerita b'kopja lid-difensur tal-kontro-parti li a bazi ta' din il-pjanta hu lest li jiehu kwalunkwe porzjoni. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2002.

Rat in-nota tal-atturi tal-11 ta' Dicembru 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija kawza fejn l-atturi bhala komproprjetarji tal-art indikata fic-citazzjoni attrici qed jitolbu li din il-Qorti tordna d-divizjoni tal-istess art f’zewg porzjonijiet, b’dan li wahda tigi assenjata lill-atturi u l-ohra tigi assenjata lill-konvenut.

Illi l-konvenuti qabblu mal-istess b’dan pero` li jigu kkompensati ghall-benefikati li allegaw li huma ghamlu f’porzjoni inidviza tal-istess art, liema benefikati qed isostnu li saru bil-kunsens tal-istess konvenuti.

Illi min-naha taghhom l-atturi rikonvenzjonati sostnew li ma hemm ebda kumpens x’jithallas lill-konvenuti stante li huma wkoll kienu ghamlu benifikati fuq l-istess art, u wkoll qatt ma kien hemm kunsens minnhom sabiex isiru l-istess benefikati allegatament maghmula mill-istess konvenuti.

Illi qabel xejn rat in-nota tal-atturi tat-28 ta’ Gunju 2001 u qabblu li l-kawza tibqa’ ghas-sentenza bil-fakolta` lilhom moghtija *ai termini* tal-verbal tat-13 ta’ Novembru 2001, u fi kwalunke kaz din il-Qorti ma thossx li ghandhom jigu nominati periti perizjuri fil-kaz *de quo.*

Rat in-nota tat-8 ta’ Jannar 2001 fejn l-attur irtira t-talba tieghu ghall-nomina tal-Periti Perizjuri.

Illi din il-Qorti nkarigat lill-Perit Tekniku Albert Fenech u lis-*Surveyor* Vincent Camilleri sabiex jiehu konjizzjoni tat-

talbiet attrici u tal-kontro-talba tal-konvenuti u tal-eccezzjonijiet rispettivi u jirrelattaw dwar l-istess u fil-fatt l-istess periti teknici pprezentaw ir-relazzjoni taghhom li halfu fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2001.

Illi mill-istess rapport peritali jirrizulta li l-istess periti kif debitament inkarigati, ghamlu *survey* u pjanta tal-ghalqa kollha, li giet immarkata bhala Dok. "AF1".

Illi l-istess periti teknici hadu l-kejl kollu mehtieg u hadu konjizzjoni tax-xhieda kollha li ngabret, u tal-fatt illi kull wiehed miz-zewg partijiet ried ukoll ikollu parti mill-bini li hemm fl-ghalqa, u ried jidhol minn fejn kien l-aktar facli li jsir dhul ghal dal-bini u ghaz-zewg porzjonijiet art li fihom l-ghalqa riedet tinqasam, u l-istess periti ddelineaw fuq il-pjanta Dok. "AF1" ta' qasma ta' bejniethom kif proposta minnu, b'mod illi b'modifici zghar, kull wiehed mill-partijiet mhux biss ikollu l-istess kejl ta' art, izda wkoll, bejn wiehed u iehor, l-istess kumditajiet.

Illi fil-fatt kif jidher mill-pjanta Dok. "AF1", fejn hemm il-parti tal-bini indikata bi-ittra 'C', wiehed ikollu l-kamra t'isfel, u l-iehor dik ta' fuq; b'mod li l-*Porzjoni 'B'* ikollha kamra isfel bit-terrazzin fuqha, u kamra 'C' fl-ewwel sular, sovrastanti l-kamra 'C' fil-pjan terren, li tkun trid tigi nkorporata mal-Porzjoni 'A' bil-ftuh ta' bieb ghall-imsemmija *Porzjoni 'A',* u jinghalaq il-bieb ezistenti ghal kamra ta' taht it-terrazzin ta' mal-Porzjoni 'B'.

Illi l-kamra ta' fejn sar it-*toilet* ghandha tkun inkorporata mal-*Porzjoni 'A'*, biex b'hekk l-imsemmija *Porzjoni 'A'* jkollha zewgt ikmamar daqs il-*Porzjoni 'B'*. Ghalhekk ikun irid isir *toilet* ghal mal-Porzjoni 'B', possibilment f'parti mill-kamra ta' taht it-terrazzin, jew fuq parti mit-terrazzin u tista' issir ukoll fossa separata.

Illi l-istess periti teknici komplew jghidu li mill-banda l-ohra, peress li fil-*Porzjoni 'B*' hemm il-bir u gibjetta hdejn il-kmamar, tista' tinstab il-htiega li jsir bir iehor hdejn il-kmamar, fil-*Porzjoni 'A'*, ghax il-bir l-iehor, forma ta' qanpiena, li hemm fl-imsemmija Porzjoni 'A' jinsab fix-xaqliba ta' fuq, il-boghod hafna mill-kmamar.

Illi minhabba l-modifici suggeriti jistghu jkunu jirrikjedu applikazzjoni lill-Awtorita` tal-Ippjanar, izda possibbilta` ta' approvazzjoni tezisti ghax huma ta' entita` zghira.

Illi gie konstatat ukoll li l-kejl tal-art kollha involuta instab li huwa 12938.80 metru kwadru, ekwivalenti ghal cirka Tomna u nofs, u jekk minn dan il-kejl jitnaqqas il-kejl ta' 23.60 metru kwadru, fejn hemm kamra fuq ohra, wahda li ghandha tigi inkorporata ma' *Porzjoni 'A',* u l-ohra li ghandha tigi inkorporata ma' *Porzjoni 'B'*, li-kejl ta' *Porzjoni 'A'* u dak ta' *Porzjoni 'B'*, mhux inkluz il-kejl taz-zewgt' ikmamar fuq xulxin, jirrizulta 6457.60 metru kwadru kull porzjon. Illi jigi nnutat li l-istess periti teknici enfasizaw li fejn kien possibbli l-qasma ssuggerita giet iffissata matul hitan ezistenti.

Illi ghalkemm jidher li l-konvenut ghamel xi ftit iktar benefikati fil-parti tal-ghalqa li kien jiehu hsieb hu, milli kien ghamel l-attur fil-parti l-ohra, partikolarment ghaliex sigar tal-frott huma kkonsidrati ta' utilita` u valur akbar minn sigar tas-salvagg, li huma l-aktar addattati ghall-insieb u ghall-kacca, pero` bil-mod kif giet stabbilita l-qasma mill-periti teknici jidher li kull wiehed minnhom kien ser jibbenefika proporzjonalment minn dak kollu li kull wiehed ikun ghamel hu separatament skond il-gosti u bzonnijiet tieghu. Illi dan kollu bla pregudizzju ghall-fatt li kull wiehed mill-partijiet kien konxju li kien qed jaghmel benefikati fuq art li ma tappartjenix esklussivament lilu, u ma jirrizultax lanqas li dawn il-benifikati saru bil-kunsens, u ghalhekk lanqas jirrizulta li hemm xi dritt ta' kumpens, apparti li l-partijiet certament ma jidhirx li ftehmu li ghandu jkun hemm dritt ta' kumpens.

Illi huwa veru li l-partijiet ikkontribew b'mod ugwali f'certi kazijiet, u anke` saru flimkien, pero` dan bl-ebda mod ma jbiddel dak li nghad iktar il-fuq, li l-bicca kbira tax-xoghlijiet li saru mir-rispettivi partijiet saru fuq inizjattiva taghhom u minghajr il-kunsens tal-parti l-ohra rispettiva u ghalhekk jidher li ma giex osservat l-**artikolu 492** li jobbliga lill-komproprjetarji li ma jaghmlu ebda tibdil fil-haga minghajr il-kunsens tal-parti l-ohra.

Illi huwa veru li la parti u lanqas l-ohra ma kienet ipprekludiet lill-parti l-ohra x'taghmel, jew ma taghmilx fil-parti tal-ghalqa li kull parti kellha pussess taghha, izda min-

naha l-ohra dan ma jfissirx li xi parti minnhom tat il-kunsens taghha sabiex l-iehor jaghmel tali xoghlijiet u biex f'kaz ta' qasma jkun hemm obbligu ta' kunsens, izda li rrizulta mill-provi kien li kull parti halliet lill-ohra tiehu l-frott ta' dik il-parti li kienet effettivament fil-pussess taghha u xejn izjed. Fil-fatt fejn kien hemm verament bzonn, ikkorroboraw u ghenu lil xulxin, u qasmu l-ispejjes ugwalment bejniethom, u dan fl-okkazzjonijiet meta tali xoghlijiet kienu ghal beneficcju tat-tnejn.

Illi ghalhekk il-partijiet li  ienu, u ghadhom, sidien tal-ghalqa ndiviza kienu ben konxji tal-fatt li l-art li kienu effettivament jippossedu kienet ghad trid tinqasam, u kull mal-partijiet ikkonsentew lill-xulxin matul l-istess zmien kien biss li jiehdu hsieb il-porzjoni tal-ghalqa li hadmu u jiehdu l-frott taghha; u fil-fatt la ma kienx hemm divizjoni jew ftehim formali, t-tolleranza kienet reciproka.

Illi ghalhekk, f'dawn ic-cirkostanzi, jirrizulta li l-benefikati li saru mill-partijiet rispettivi fl-istess ghalqa m'ghandhomx jigu kkonsidrati separatament u apparti mid-divizjoni attwali tal-art, stante li bil-mod kif giet maqsuma mill-periti teknici l-istess art din giet diviza proporzjonalment bejn il-partijiet kemm f'dak li huwa kejl u kemm f'dawk li huma ambjenti, *in virtu* tal-kuncett sancit fl-**artikolu 502 tal-Kap 16,** li kull parti ghandha jedd tiehu is-sehem taghha n-natura, b'dan li kif spejga il-Perit Tekniku Albert Fenech fl-eskussjoni tieghu tat-13 ta' Novembru 2001, kull parti hadet parti ugwali mix-xaghri, mill-hamrija u anke mill-ambjenti li kien

hemm fl-istess ghalqa, b'dan li l-valur u l-estensjoni tal-istess porzjonijiet huma *pressa a poco* identici, b'dan ukoll li ghandhom isiru x-xoghlijiet suggeriti mill-istess periti teknici f'paragrafi 31 u 32, tar-relazzjoni peritali a fol. 91 tal-process a spejjez taz-zewg partijiet u taht id-direzzjoni tal-istess perit arkitett Albert Fenech A & C.E.

Illi ghalkemm jidher li l-periti teknici ma stabbilew ebda valur ghall-istess art, u l-porzjonijiet minnhom indikati, fl-eskussjoni tal-istess perit tekniku tat-13 ta' Novembru 2001, il-Perit Albert Fenech, meta mistoqsi mid-difensur tal-attur dwar il-valur proporzjonali u relattiv tal-istess porzjonijiet irrisponda li l-istess porzjonijiet, peress li ghandhom l-istess karatterristici, huma bejn wiehed u iehor tal-istess valur. Illi b'konsegwenza ta' dan, apparti li hadd mill-partijiet ma insista li kull porzjoni tinaghtalha valur, jidher li l-valur tal-istess zewg porzjonijiet huwa identiku jew kwazi, ghalkemm dan dejjem b'mod approssimattiv.

Illi ghalhekk in konkluzjoni, u in vista tal-fatt li tali art hija kommodament divizibbli din il-Qorti taddotta u taghmel taghha l-konkluzjonijiet peritali tar-relazzjoni peritali mahlufa mill-periti teknici fl-14 ta' Gunju 2001 a fol. 72 tal-process fis-sens li l-art in kwistjoni mertu tal-kawza odjerna ghandha tinqasam f'zewg porzjonijiet, wahda *Porzjoni "A"* u l-ohra *Porzjoni B* skond kif indikata fil-pjanta redatta mill-istess periti teknici w immarkata bhala Dok. "AF 1" a fol. 127 tal-process, b'dan li permezz tat-tlugh tal-polza mmexxija min-Nutar Carmel sive Charles Mangion hawn

nominat biex jippubblika l-att relattiv tad-divizzjoni, b'dan kull parti tigi assenjata wahda mill-porzjonijiet fuq indikati, ibbazata fuq in-natura tal-istess ambjenti u wkoll fuq il-pratticita` tal-access minn fuq il-passagg pubbliku li hemm, u in konsiderazzjoni wkoll tal-kmamar ezistenti li ukoll riedu jinqasmu bejniethom, kif suggerit fil-para. 31 u 32 tal-istess relazzjoni, liema xoghlijiet ghandhom isiru taht id-direzzjoni tal-istess Perit Arkitett Albert Fenech, ghas- spejjez ugwali tal-istess partijiet, nofs bin-nofs.

Rigward il-kontro-talba li saret mill-konvenuti din ghandha tigi michuda ghar-ragunijiet fuq indikati.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Taqsam din l-ghalqa u l-benefikati ta' go fiha f'zewg kwoti u porzjonijiet ugwali fis-sens li l-art in kwistjoni mertu tal-kawza odjerna ghandha tinqasam f'zewg porzjonjiet, wahda *Porzjoni "A"* u l-ohra *Porzjoni "B"* skond kif indikata fil-pjanta redatta mill-istess periti teknici u mmarkata bhala Dok. "AF 1" a fol. 127 tal-process*,* b'dan li permezz tat-tlugh tal-polza mmexxija min-Nutar Carmel sive Charles Mangion hawn nominat biex jippubblika l-att relattiv tad-divizzjoni, kull parti tigi assenjata wahda mill-porzjonijiet fuq

indikati, u b'dan ukoll li l-kmamar ezistenti kif indikati f'paragrafi 31 u 32 tal-istess relazzjoni ghandhom jigu maqsuma bejn il-partijiet, kif suggerit fl-istess para. 31 u 32, tal-istess relazzjoni, u liema xoghlijiet suggeriti mill-istess periti teknici fl-istess paragrafi hawn indikati tar-relazzjoni peritali ghandhom isiru taht id-direzzjoni tal-istess Perit Arkitett Albert Fenech, ghas-spejjez ugwali tal-istess partijiet, nofs bin-nofs.

2. Tassenja dik il-porzjoni hekk imtella' bil-polza, kif fuq inghad fil-paragrafu precedenti ghal dan, lill-parti li tkun maghha abbinata permezz tat-tlugh tax-xorti msemmija mmexxija dejjem min-Nutar Carmel sive Charles Mangion, b'dan li porzjonijiet hekk imtella' ghandhom jigu assenjati wahda lil kull wiehed miz-zewg kontendenti, b'hekk li l-atturi konjugi Victor u martu Carmen Camenzuli jkollhom porzjoni wahda u l-konvenuti konjugi Anthony u martu Carmen Camilleri jkollhom porzjoni ohra.

3. Tinnomina bhala Perit Arkitett lill-Perit Albert Fenech sabiex jissorverlja u jamministra x-xoghlijiet fuq indikati li ghandhom isiru mill-partijiet u ghas-spejjez taz-zewg partijiet, kollox skond il-paragrafi 31 u 32 tar-relazzjoni peritali u tinnomina lin-Nutar Carmel sive Charles Mangion, sabiex izomm it-tlugh tal-polza sabiex jigu assenjati l-porzjonijiet fuq indikati, wahda lil kull parti, u biex jircievi l-att relattiv, liema tlugh tal-polza u pubblikazzjoni tal-att notarili relattiv ghandu jsir nhar il-Hamis erbatax (14) ta'

Marzu 2002 fl-edificju tal-Qrati Superjuri, f'wahda mill-Awli tal-Qrati Superjuri u lill-Dr. Rachel Montebello u lill-P.L. Veronica Rossignaud bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-att relattiv.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza jinqassmu bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi ghar-rigward tal-**kontro-talba tal-konvenuti,** din il-Qorti ghal dawn il-motivi, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-atturi rikonvenzjonati, **tichad it-talbiet tal-konvenuti fil-kontro-talba taghhom** bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi l-ispejjez tal-istess kontro-talba ghandhom ukoll jinqassmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**31 ta' Jannar 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**31 ta' Jannar 2002**